*Preskrizzjonijiet partikulari taht l-Artikoli 2147(c) u 2148(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

*L-applikazzjoni tal-principji ta' gustizzja u/jew ekwita` taht Artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017**

**Numru 16**

**Rikors Numru 456/09 TA**

**Paul Duca**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturipprezentat fit-13 ta' Mejju tas-sena 2009 u li permezz tieghu talab is-segwenti:-

"1. Illi r-rikorrent huwa impjegat mal-Korporazzjoni konvenuta;

2. Illi sas-sena 1998 xoghol ir-rikorrent kien ta' 'Service Dispatcher' u kien jahdem bis-sistema tax-xift u rizultat ta' hekk huwa kien jithallas mis-Socjeta` intimata dak li jissejjah 'shift allowance';

3. Illi f'Novembru tas-sena 1998, rizultat ta' proceduri dixxiplinari kontra r-rikorrent, ittiehdet decizjoni mill-Korporazzjoni konvenuta fejn bhala punizzjoni gie mpost li ghal xahar ir-rikorrent jkun sospiz bla paga u wkoll li ma jigix assenjat fuq xoghol bix-xift qabel jghaddu sentejn mid-data tat-12 ta' Novembru, 1998 (Dok PD1 anness);

4. Illi wara t-12 ta' Novembru tas-sena 2000 cioe` d-data li r-rikorrent kellu jerga jitpogga lura fl-istat li kien fih qabel id-decizjoni dixxiplinari, ghalkemm interpellata bosta drabi, l-Korporazzjoni konvenuta naqset milli terga tassenja lir-rikorrent lura fuq xogholu cioe dak ta' 'Service Dispatcher' bis-sistema tax-xift u dan ghal seba (7) snin shah, aktar specifikatament sad-data tal-14 ta' Marzu, 2007 fejn wara hafna sforzi da parti ta' diversi nies, fosthom rapprezentanti tal-General Worker's Union, permezz ta' ittra tal-Korporazzjoni konvenuta r-rikorrent gie nfurmat li kien qed jerga jigi assenjat fis-Sezzjoni tas-'Service Despatchers' bis-sistema tas-'shift allowance' (Dk PD2 anness);

5. Illi r-rizultat ta' l-inadempjenza da parti tal-Korporazzjoni sabiex tottempera ruhha ma' l-obbligu taghha li terga' tpoggi lura lir-rikorrent f'xogholu sa mit-12 ta' Novembru, tas-sena 2000, r-rikorrent sofra tnaqqis sostanzjali fil-paga tieghu rapprezentanti 'shift allowance' mhux imhallas u dan bejn it-12 ta' Novembru, tas-sena 2000 u l-14 ta' Marzu ta-sena 2007, liema tnaqqis ma kienx legalment gjustifikat.

6. Illi permezz ta' diversi ittri fosthom ittra ufficjali, ir-rikorrent interpella lill-Korporazzjoni sabiex taghmel tajjeb ghal dan it-tnaqqis fil-paga tieghu u b'hekk thallas l-ekwivalenti tas-'shift allowance' mitluf tul is-seba' (7) snin imsemmija, izda l-Korporazzjoni baqghet inadempjenti.

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant tghid il-Korporazzjoni konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Korporazzjoni konvenuta kienet obbligata illi terga tpoggi lura lir-rikorrent f'xogholu ta' 'Service Despatcher' bis-sistema ta' 'shift allowance' sa mit-12 ta' Novembru tas-sena 2000;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Korporazzjoni konvenuta hija responsabbli sabiex thallas lir-rikorrent l-ekwivalenti tas-'shift allowance' kollu mitluf fil-perjodu ta' bejn it-12 ta' Novembru, 2000 u l-14 ta' Marzu, 2007;

3. Tillikwida, occorrendo jekk ikun il-kaz in-nomina ta' Periti nominandi, l-ammont ta' 'shift allowance' dovut mill-Korporazzjoni konvenuta lir-rikorrenti ghall-perjodu ta' bejn it-12 ta' Novembru, 2000 u l-14 ta' Marzu, 2007;

4. Tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lir-rikorrent l-ammont likwidat.

> Bl-imghax, bl-ispejjez inkluz dak ta' l-ittra ufficcjali notifikata lill-Korporazzjoni konvenuta u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tas-socjeta` intimata in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-Korporazzjoni konvenuta pprezentata fil-5 ta' Gunju 2009 u mahlufa fl-istess data minn Christine Aquilina, li permezz taghha wiegbet is-segwenti:-

> "Illi hi debitament awtorizzata biex tirraprezenta lill-intimati u li ndagat dwar il-fatti hawn esposti;
>
> Illi preliminarjament, il-pretenzjonijiet tar-rikorrent huma preskritti bit-trapass ta' sena skond l-Art. 2147 u 2148 tal-Kap 12: ma jidhirx li hemm interpellanza gudizzjarja wara dik tal-31 ta' Ottubru 2007 u dawn il-proceduri gew intavolati fit-13 ta' Mejju 2009;
>
> Illi, ukoll preliminarjament, fi kwalunkwe kaz, l-interuzzjoni permezz ta' ittra ufficjali tregi biss ghal dak dovut ghat-tnax-il xahar precedenti u ghalhekk tregi l-istess preskrizzjoni f'dan is-sens ukoll;
>
> Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-obbligu li fuqu donnu qed jistrieh ir-rikorrent ma jidhirx li ghandu bazi, peress illi kif jigi spjegat mill-intimati waqt il-process ta' smiegh, huma agixxew pjenament entro d-drittijiet taghhom fl-isfond tac-cirkostanzi tal-kaz."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-attur kien ingaggat bhal *driver* mal-Korporazzjoni konvenuta fis-sena 1983. Wara xi snin kienet harget sejha ghal *driver despatcher*. L-attur applika u gie accettat. Din il-kariga, apparti s-salarju, kienet ukoll iggorr maghha *allowance* ta' xoghol b'*shift* u ghalhekk kienet tirrifletti f'zieda fid-dhul annwali tal-attur.

**2.** Wara circa 9 snin f'din il-kariga l-attur kellu argument jahraq ma' wiehed mill-*managers* li b'konsegwenza tieghu kellu jghaddi minn proceduri ta' dixxiplina. Fit-12 ta' Novembru 1998, il-Bord appozitament mahtur biex jiehu konjizzjoni ta' dawn il-proceduri, wasal ghall-konkluzjoni li l-attur ma kellux jibqa' fil-kariga ta' *service despatcher* u li jkun trasferit biex jaqdi d-doveri tieghu sostantivi ta' (*messenger-telephone operator*) fil-*Gas Division* u li ma setax ikun assenjat xoghol bix-*shift* qabel jghaddu sentejn (ara dokument a` fol 5).

**3.** Fil-11 ta' Jannar 2002, u cioe` wara li kienu ghaddew is-sentejn operattivi tad-decizjoni fuq imsemmija, harget sejha ghall-post ta' *messenger* ghal xoghol ta' *telephone operator* bhala *service despatcher*

(1). Fost il-kundizzjonijiet kien hemm, li min jigi accettat seta' jkun mitlub li jaghmel dmirijiet addizzjonali izda ukoll li jahdem bix-*shift*. Propju dak li xtaq jerga' jaghmel l-attur (ara dok PD(1) a` fol 13). L-attur applika ghal dan il-post.

**4.** B'ittra datata 4 ta' Frar, 2001 (ara dok PD4 a` fol 14), l-attur gie nfurmat illi minhabba d-decizjoni tal-Bord fuq imsemmi, hu ma kienx elegibbli. Ghalhekk, lanqas biss gie ikkunsidrat. B'rapport tat-18 ta' Lulju 2002 (a` fol 18 sa 21), l-Ombudsman wasal ghall-konkluzjoni, li ghalkemm ma kienx hemm intenzjoni hazina minn naha tal-Korporazzjoni konvenuta, l-eskluzjoni tal-attur abbazi li ma kienx elegibbli minhabba r-ragunijiet migjuba fl-ittra tal-4 ta' Frar 2001 fuq imsemmija, ma kienitx decizjoni korretta u rrakomanda li jekk ikun hemm xi opportunita` ta' xoghol b'*shift* f'xi taqsima ohra tal-Korporazzjoni konvenuta, kellha taghti preferenza lill-attur.

**5.** Jidher li fl-2005 regghet harget sejha ohra simili ghal dik fuq imsemmija. Din id-darba l-attur thalla japplika, izda ma ghaddiex mill-ezami tal-kitba. Persuna ohra, li ukoll ma ghaddietx minn dan l-ezami, inghatat it-tahrig u opportunita` gdida, sabiex terga' taghmel l-intervista fid-dawl li kienet wahlet. L-attur ma inghatax din l-opportunita`. Din it-tieni darba, kwazi ben tlett snin wara r-rapport tal-Ombudsman fuq imsemmi (ara dok PD8 a` fol 23).

**6.** Wara din it-tieni darba, l-affarijiet bdew jiskalaw b'sensiela ta' ittri mibghuta lill-Korporazzjoni konvenuta, mill-Union li kienet tirraprezenta lill-attur. Is-sitwazzjoni kkulminat fl-ittra ufficjali tar-Attur tal-31 ta' Ottubru 2007 (a` fol 30). Fl-unika risposta li hemm fl-atti, il-Korporazzjoni konvenuta, f'ittra tal-25 ta' Settembru 2007 (a` fol 29) b'risposta ghall-ittra legali tal-attur tat-3 ta' Settembru 2007 (a` fol 28), kull ma qalet kien, li din imxiet b'mod regolari u li t-talbiet tal-attur kienu preskritti. Sakemm faqset il-kawza odjerna.

**Il-punti ta' Ligi**

**7.** Huwa importanti li tigi identifikata x-xorta ta' azzjoni li qed jipproponi l-attur. Minn din l-identifikazzjoni jiddependu xi whud mill-eccezzjonijiet imqanqla mill-Korporazzjoni konvenuta.

**8.** L-attur qieghed jinsisti li qed jesperita l-azzjoni tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tal-Korporazzjoni konvenuta. Dan ifisser li l-azzjoni qed issir abbazi tal-artiklu 1125 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk, anke jekk ma jghidiex b'mod esplicitu, b'konsegwenza sofra d-danni konsistenti fi hlas li kien igib mieghu dan ix-xoghol bix-*shift*. Da parti taghha, il-Korporazzjoni konvenuta qeghdha tilqa' ghat-talbiet rikorrenti qabel xejn abbazi tal-artikoli 2147 u 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-preskrizzjonijiet partikulari. Il-Qorti trid tosserva, li ghalkemm jissemmew l-artikli tal-ligi li abbazi taghhom qed tkun invokata l-preskrizzjoni, kienet tkun sitwazzjoni aktar konformi ma' dak li kemm il-

darba gie enuncjat minn dawn il-Qrati, li kieku jissemmew ukoll is-subincizi tal-artikoli inkwistjoni. Il-Qorti b'sens komun qed tifhem, li meta tqanqlet din il-preskrizzjoni r-riferenza kienet ghal dawk is-subincizi li jirreferu ghall-hlasijiet ta' salarji.

**9.** In subsidium il-Korporazzjoni qeghdha wkoll taghti l-eccezzjoni, li fil-meritu l-Korporazzjoni konvenuta agixxiet pjenament entro d-drittijiet taghha. Fi ftit kliem, hi kienet adempjenti mal-obbligi taghha di fronte tal-attur.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**10.** L-ewwel li ser ikun ikkunsidrat hija l-kwistjoni ta' x'tip ta' azzjoni qed jezercita l-attur bil-kawza odjerna, jekk hux dik ghal semplici hlas minghajr l-adulterazzjoni ta' kull konsiderazzjoni ohra, (bhal ma qed tindika li qed isir il-Korporazzjoni konvenuta fid-dawl tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni), jew dik tal-inadempjenza kuntrattwali u konsegwenzjali danni, fis-sens tal-artikolu 1125 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi li "kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni".

**11.** Dan il-punt huwa resolvibbli billi mill-ewwel jigi stabbilit jekk il-Korporazzjoni konvenuta ghandhiex ragun, li l-azzjoni tal-attur hija estinta bis-sahha tal-preskrizzjonijiet partikolari taht artikoli 2147(c) jew 2148(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**12.** Dawn il-Qrati dejjem sostnew li z-zmien tal-preskrizzjoni irid jitqies b'referenza ghall-azzjoni kif imfassla (ara s-segwenti sentenzi fuq dawn il-punt u cioe:- App. Civ. **5.4.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et.***(Kollez.Vol: **LXXVII.ii.269**), App.Kummercjali **1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Vella*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**); App. Civ. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Guido Vella vs Emanuel Cefai*** (mhix pubblikata); App. Civ. **24.3.1958** fil-kawza fl-ismijiet ***Borg vs Testaferrata Bonici*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm. **29.11.1971** fil-kawza fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe*** (mhix pubblikata), App. Inf per Imhallef Philip Sciberras **5.3.2010** fil-kawza fl-ismijiet ***Francis Fenech vs Thomas Montaldo***.

**13.** Fil-kors tat-trattazzjoni tal-Avukat tal-attur (a` fol 115) saret mistoqsija mill-Qorti:-

> "Pero' nixtieq inkun naf Dott, il-bazi tad-danni reklamati mis-Sur Duca huma danni kontra t-tali (*presumibilment riedet titnizzel bhala kuntrattwali)* jew akwiljani?" (kliem angolat ta' din il-Qorti). It-twegiba kienet:- "Danni ghall-termini tal-kuntratt tax-xoghol tieghu". Ma dan irid jinghad, illi kemm il-kawzali tar-rikors guramentat u kif ukoll it-talbiet, ghandhom hafna aktar mill-azzjoni tal-inadempjenza kontrattwali milli mis-semplici domanda ghall-hlas mittiefsa minn kull konsiderazzjoni ohra.

**14.** Fl-ewwel talba tar-rikors guramentat, din il-Qorti giet adita sabiex taghti dikjarazzjoni li "l-Korporazzjoni konvenuta kienet obbligata illi terga tpoggi lura lir-rikorrent f'xogholu ta' 'service despatcher' bis-sistema tax- 'shift allowance' ... ...". Fit-talbiet sussegwenti, ma hiex tintalab xi somma determinata in via ta' hlas, frott ta' xoghol jew servizzi li diga` inghataw, b'mod li tali talba setghet tkun kumbattuta bil-preskrizzjonijiet partikulari sollevati mill-Korporazzjoni konvenuta.

**15.** Dak li qed jintalab li jkun likwidat huwa pjuttost in linea ta' flejjes mitlufa milli flejjes dovuti, izda mhux imhallsin. Jekk l-attur ghandux dritt ghal dawn ix-xorta ta' danni huwa argument iehor, li ser ikun ikkunsidrat aktar 'l isfel. Ai fini tal-kawza odjerna, il-Qorti thoss, li l-azzjoni li qed tkun ezercitat hija dik naxxenti minn danni kuntrattwali. Ghamlet tajjeb ghalhekk il-Korporazzjoni konvenuta, li laqghet ghal din l-eventwalita` bl-eccezzjoni fil-mertu, li tat in subsidium ghal dik tal-preskrizzjoni.

**16.** F'dan ir-rigward huwa wkoll rilevanti l-kontro-ezami li sar lill-attur mill-Korporazzjoni konvenuta (a` fol 102 sa 105 ). Hlief ghall-ahhar tlett mistoqsijiet, il-parti kbira tal-kontro-ezami jiffoka fuq jekk il-Korporazzjoni konvenuta qattx ikkommettiet lilha nnifisha b'mod, li dahlet fl-obbligu li taghti xoghol bix-*shift* lill-attur.

**17.** Meta si tratta ta' preskrizzjoni, din dejjem ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min

ikun eccepixxa l-preskrizzjoni **("Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited" deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2004, u "Ellul noe vs Vella noe" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).** Dan qieghed jinghad peress illi l-Korporazzjoni konvenuta qed tippretendi li l-azzjoni tal-attur hija estinta bis-sahha tal-perjodi brevi u qosra taht artikoli 2147 jew 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Izda ghar-ragunijiet fuq imsemmija dan ma hux il-kaz fil-kawza odjerna, stante li dawn il-perjodi preskrittivi ma humiex applikabbli ghal danni *ex-contractu*.

**18.** Il-preskrizzjoni hija Istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni. Di piu` fis-sentenza tat-**30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe" (PA/JRM)** il-Qorti rriteniet illi "hija regola ewlenija fil-procedura, li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa`principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq."

**19.** Ghalhekk fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u tal-fatt li l-azzjoni odjerna hija wahda imnissla mill-inadempjenza kuntrattwali, il-Korporazzjoni konvenuta bix-xorta ta' preskrizzjoni li eccepiet, ma tistax tirnexxi fl-argument, li l-azzjoni li qed tkun esperita mill-attur hija estinta bis-sahha tal-perjodi imsemmija f'artikoli 2147 jew 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan stabbilit galadarba ma inghatat ebda eccezzjoni ohra kwantu jirrigwarda l-preskrizzjoni, il-Qorti hija b'idejha marbuta. Kull eccezzjoni ohra , jekk hemm, ta' preskrizzjoni, fil-kamp civilistiku ma hiex sollevabbli *ex-officio*. **('Perit Victor Muscat vs Edgar Tabone', Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; 'Paul Xuereb vs Amabile Fiott', Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975).**

**20.** Jmiss ghalhekk li jkun ezaminat jekk fil-fatt kienx hemm inadempjenza kuntrattwali da parti tal-Korporazzjoni konvenuta.

**21.** Mill-affidavit tal-attur jirrizulta li dan dahal fl-impieg mal-Korporazzjoni konvenuta fl-1983. Mhux minn dejjem kellu xoghol bix-*shift* li jintitolah ghal xi *allowance*. Fil-fatt l-attur jixhed hekk:- "Ghall-ewwel li dhalt nahdem ma' l-Enemalta fis-sena 1983 kont *driver* izda imbaghad wara xi snin , harget applikazzjoni ghal *service despatcher* u gejt accettat. Bhala *service despatcher* kont nahdem bix-*shift* u ovvajment kelli *shift allowance*' apparti l-paga." Kien ikun utli li kieku f'dawn il-proceduri gie esebit xi xorta ta' dokument li jindika l-kundizzjonijiet li kienu jirregolaw l-impieg tieghu ta' dak in-nhar.

**22.** Kull ma gie esebit fil-kawza, safejn jirrigwarda kundizzjonijiet huwa d-dokument immarkat Dok PD3 (a` fol 15). Izda dan jirrigwarda cirkulari ta' sejha ghall-vakanza ta' '*Messenger* ghal xoghol ta' *telephone operator* bhala *service despatcher*(1)' tal-11 ta' Jannar 2002. L-attur kien applika, izda gie rifjutat ghaliex skont il-Korporazzjoni konvenuta ma kienx elegibbli, fatt li ser ikun kkunsidrat aktar 'l quddiem f'din is-sentenza. Kien ikun ta' ghajnuna ghal din il-Qorti, kieku dokument simili li jirrasali ghal dik in-nhar li inghata l-post ta' *service despatcher* l-ewwel darba gie esebit, biex jigi stabbilit jekk kienx hemm kundizzjonijiet simili ghal kundizzjoni 8 u 13 tad-Dok PD3 fuq imsemmi.

**23.** Izda anke kieku ma kienx jezisti kuntratt bil-miktub bejn l-attur u l-Korporazzjoni konvenuta, impieg b'terminu indefinit bhal ma kellu l-attur mal-Korporazzjoni konvenuta huwa kuntratt li johloq drittijiet u obbligi, kemm ghad-datur tax-xoghol u kif ukoll ghall-provveditur tax-xoghol. Jezistu kundizzjonijiet li johorgu *ex-lege* mil-ligijiet, fost ohrajn Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, huwa f'dan il-kuntest li jrid isir ezami dwar jekk il-Korporazzjoni konvenuta naqsitx mill-obbligi kuntrattwali *di fronte* tal-attur kif qieghed jippretendi dan tal-ahhar fir-rikors guramentat.

**24.** Il-Korporazzjoni konvenuta, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha targumenta li l-attur ma ghandu ebda dritt awtomatiku ghal dak li qieghed jippretendi jew li jithallas ta' xoghol li ma ghamilx. Kif intqal aktar 'l fuq, il-Korporazzjoni konvenuta ghalhekk qeghdha isostni li agixxiet pjenament

entro d-drittijiet taghha fl-isfond tac-cirkostanzi tal-kaz. Dikjarazzjoni li implicitament qeghdha taccetta li anke ghandha obbligazzjonijiet. Ma jistax ikun li ghandha drittijiet biss. Huwa propju fl-isfond tac-cirkostanzi tal-kaz, li l-Qorti ser tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

**25.** B'konsegwenza tal-incident li kellu ma' *Manager* fuq ix-xoghol, il-Korporazzjoni konvenuta ghaddiet lill-attur minn proceduri dixxiplinarji fuq imsemmija. Il-Bord ta' Dixxiplina kiteb lill-attur hekk:-

> "Ghalhekk gie deciz ukoll li b'effett immedjat inti ma tibqax topera bhala *Service Despatcher* u tkun trasferit sabiex taqdi d-doveri sustantivi tieghek ta' messenger - (Telephone Operator) fil-Gas Division. Inti ma tkunx tista' tigi assenjat fuq xoghol bix-xift qabel jghaddu sentejn (2)."

**26.** Jigi osservat li dan il-Bord qal li kien qieghed **jiddeciedi** u mhux jirrakomanda. Din id-decizjoni inghatat mhux biss fil-konfront tal-attur izda anke fir-rigward tal-Korporazzjoni konvenuta. Ghalhekk kienu x'kienu l-effetti ta' din id-decizjoni anke din giet milquta minnhom. Il-Bord f'ebda hin ma ddecieda, li wara li jghaddu dawn is-sentejn, f'kaz ta' vaganza gdida fil-post imsemmi, l-attur ma setax ikun meqjus bhala mhux elegibbli, minhabba l-incident mertu tal-proceduri ta' dixxiplina imsemmija.

**27.** Fil-11 ta' Jannar 2002 harget applikazzjoni gdida ghal dan il-post li kienet iggorr maghha il-hlas ta' *shift allowance* u dan skont artiklu 13 tal-istess sejha ghall-mili ta' dan il-post (Dok PD3 supra). L-attur applika,

izda b'ittra tal-4 ta' Frar 2002 ircieva minghand Lino Bugeja (Principal Sezzjoni Rizorsi Umani) fejn infurmah hekk:-

> "Ghandi ninfurmak illi in forza tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina mehuda fit-12 ta' Novembru 1998 dwar il-kaz tieghek tat-28 ta' Ottubru tal-istess sena, inti m'intix elegibbli ghal dan il-post".

**28.** Din id-decizjoni tal-Korporazzjoni konvenuta ittiehdet meta l-prekluzjoni ta' sentejn stabbiliti **fid-decizjoni** tal-Bord kienu ghaddew fit-12 ta' Novembru 2000. Ghalhekk il-Korporazzjoni konvenuta kienet zbaljata meta **eskludietu** u ma hallitux jikkompeti ma' haddiehor. Meta hekk eskludietu kienet qed tonqos mill-obbligi taghha fil-konfront tal-attur. F'dan ir-rigward, fir-rapport tieghu tat-18 ta' Lulju 2002, l-Ombudsman kellu ragun jikkonkludi li "f'dan il-kaz hi, li anke jekk ma kienx hemm intenzjoni hazina minn naha tal-Korporazzjoni, u kien hemm atenwanti, id-decizjoni li teskludi l-*complainant* bhala inelegibbli ma kienitx korretta".

**29.** Rega' gara li xi zmien fl-2005 regghet harget applikazzjoni ohra ghal dan il-post. Jirrizulta b'mod mhux kontradett mill-Korporazzjoni konvenuta, li l-attur rega' applika. Jidher li din id-darba wehel mill-ezami tal-kitba. Ohra li kienet applikat mieghu, certu Margarite Farrugia, wehlet ukoll. Izda lil din tawha opportunita` terga' taghmel l-*interview* u anke inghatat tahrig, izda lill-attur le. L-Union tall-attur protestat bil-qawwa kollha dwar il-mod kif l-attur kien ikun trattat. F'ittra datata 22 ta' Jannar 2007 (a` fol 26), mibghuta lil Dr. Noel Vella, Direttur tal-Impiegi u

Relazzjonijiet Industrijali, Rebecca Gatt, Segretaju fit-Taqsima tal-GWU, kitbet hekk fost affarijiet ohra:-

> "Matul ix-xahar ta' Ottubru 2006, it-Taqsima irceviet korrispondenza minghand ic-CEO tal-Korporazzjoni Enemalta. Il-kontenut ta' din l-ittra jghid li jekk is-Sur Duca jinghata l-opportunita' li qed titlob l-Union jidher li l-interessi tal-Korporazzjoni ma jkunux moqdija u ghalhekk il-Korporazzjoni kienet ser tibqa' izzomm il-posizzjoni taghha."

**30.** Fix-xhieda taghha (a` fol 53), ghal darba ohra mhux kontradetta mill-Korporazzjoni konvenuta, qalet hekk dwar dan l-aspett:-

> "Immedjatament ktibna lic-Chairman ta' l-Enemalta fl-istess sena. Ic-Chairman ta' l-Enemalta kwazi rrid nghid li bl-arroganza kollha kien qal dak in-nhar 'dik hija l-posizzjoni taghna' u anzi hu qal li 'jiena ma narax lil Pawlu Duca f'dik il-posizzjoni'!. jigifieri bluntly subjectively minghajr ma ghamel ... qabad u dahal f'gudizzju jigifieri arbitrarju ghal ... kwazi hija personali - qed nghidlek 'ma rridekx'."

**31.** Fix-xhieda tieghu (a` fol 62) Anthony Bonello li jokkupa l-kariga ta' *Chief HR and Corporate Service* tkompli titfa' dawl fuq x'kienu r-ragunijiet ta' resistenza ghall-attur. Ighid hekk:-

> "Iktar ma beda jghaddi z-zmien, in-nies bdew jirtiraw mis-section ta' telephone operators fejn kien jokkupa din il-kariga s-sur Duca. U jiena malli ezamijiet il-kaz u rajt lis-sur Duca jekk minhiex sejjer zball kien ga ilu xi ghaxar snin fil-gas section, dehrli li nista' inressaq isem is-sur Duca biex ikun jista' jigi trasferit lura fuq xogholu. Ghaxar snin ghedt nahseb sentenzjat bizzejjed ejja nghidu hekk, il-punishment kien hadu.
>
> Jigifieri issa jekk kellux ikun aktar iebes il-punishment billi jitkecca jew le daka ma nidholx fiha ghax dak iz-zmien ma kontx hemm, tajjeb? Pero' fid-decizjoni tieghi kienet li ghaxar snin kienu bizzejjed biex wiehed igibu lura l-persuna. U hekk ghamilt fil-fatt ressaqt, ghax ahna il-proceduri huma li tressaq ukoll quddiem il-Bord of Management jigifieri kollegi bhali - Chief bhali - it-talba. Kien hemm,

> iva kien hemm oggezzjoni, ghaliex dana bniedem ser jerga' jmur mal-istess manager u fejn kellu xi jghid mieghu allura; u hemm hekk jiena kont ghamilt dikjarazzjoni quddiem il-management tieghi; ghedtlu isma jiena ha ingib lis-sur Duca lura, jekk fil-kaz niehu r-responsabbilta` tas-section f'idejja."

**32.** Minn dan kollu jirrizulta aktar car daqs il-kristall, li kien hemm resistenza qawwija li l-attur jokkupa dan il-post. Altru l-attur ried bil-fors jiehu dan il-post meta ma kienx hemm vakanza u altru li kull darba kien hemm vakanza ghal darba tnejn u dejjem thalla barra. Altru li kien hemm rakkomandazzjoni u altru kien hemm decizjoni tal-Bord, decizjoni li kif inghad aktar 'l fuq kienet vinkolanti anke fuq il-Korporazzjoni konvenuta. Kieku kienet mod iehor, x'kienet l-utilita` tal-proceduri dixxiplinari li ttiehdu jekk id-decizjoni setghet kull darba tkun skartata u eluza mill-Korporazzjoni konvenuta! Una volta inghatat dik id-decizjoni din incediet fuq il-kundizzjonijiet kuntrattwali tal-impieg bejn l-attur u l-Korporazzjoni konvenuta.

**33.** Kuntratt t'impieg huwa kuntratt li japplikaw ghalih anke l-principji generali tas-sewwa u tal-ligi. Ghalkemm kuntratt ta' impieg huwa regolat minn ligi specjali, bhal ma huwa l-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, hemm principji generali ta' gustizzja u ekwita` li huma wkoll applikabbli ghalih ghax huma intrinsikament parti mill-mod kif l-obbligi kuntrattwali ghandhom ikunu esegwiti.

**34.** Bil-mod kif sehhew l-avvenimenti sakemm fl-14 ta' Marzu 2007 l-attur inghata dan il-post minghajr htiega ta' ezami (a` fol 6), anke fil-

kuntest tat-tieni darba li l-attur applika ghal dan il-post biex ikun jista' jibbenefika mix-*shift allowance* u rega' gie rigettat, din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju biex tasal ghall-konkluzjoni, li l-Korporazzjoni konvenuta ma agixxietx in buona fede. Dan bi ksur tal-obbligi kuntrattwali li l-Korporazzjoni konvenuta kellha lejn l-attur. Dan mhux il-kaz li l-attur qieghed jitlob hlas ta' xoghol li ma wettaqx, kif targumenta l-Korporazzjoni konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha. Dan huwa l-kaz ta' cahda irragjonevoli li l-attur jigi trattat skont ir-regoli tal-*fair play* izda aktar minn hekk tal-obbligi tal-Korporazzjoni konvenuta naxxenti mid-decizjoni tal-Bord fuq imsemmi.

**35.** Huwa f'dan ix-xenarju li jsib l-applikazzjoni tieghu l-artiklu 993 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> "Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi."

**36.** Fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Inferjuri tal-14 ta' Jannar, 2015 fl-ismijiet:- Glynis Valerie Pace vs British High Commission (Malta) per Imhallef Edwina Grima** fuq din il-materja tinsenja dan li gej:-

> "Illi skond ir-regola generali tad-dritt fir-rigward tal-kuntratti kollha ghandu applikabilita` kostanti l-principju tal-bwona fede (Artikolu

993, Kodici Civili), u tali jimponi ruhu anke fuq min ihaddem fil-perkors tar-rapport kontrattwali ma' l-impjegati tieghu. Dan mhux biss ghall-ezekuzzjoni tajba u korretta ta' dak ir-rapport imma wkoll ghall-iskop li jkun assigurat u garantit illi dak ir-rapport ma jsirx strument ta' diskriminazzjoni. B'illustrazzjoni ta' dan f'tema ad ezempju ta' licenzjament minhabba redundancy, il-ligi tirrestringi l-poter diskrezzjonali ta' min ihaddem ghall-prinicpju tal-"last in, first out" [Artikolu 36 (4) tal-Kapitolu 452]. Li jfisser, illi min ihaddem ghandu jsegwi certa procedura rigoruza ghall-fini li tkun iggarantita l-parita` tat-trattament bejn haddiema fl-istess klassi u tkun evitata d-diskriminazzjoni. Agir mod iehor ma jistax ma jissinjifikax vjolazzjoni tal-principju tal-bwona fede u tali jikkostitwixxi inadempiment f'min ihaddem."

**37.** Ghalhekk il-Qorti temmen li l-attur ghandu ragun sa fejn jirrigwarda l-ewwel talba tieghu. Izda fid-dawl ta' dak li ser jinghad aktar 'l isfel. Kwantu jirrigwarda l-ammont li ser ikun dovut mill-Korporazzjoni, il-perjodu li jissemma' mill-attur fit-talbiet tieghu mhux kollu huwa gustifikat. Irrizulta li l-ewwel darba li nqalghet il-htiega ghal post inkwistjoni kien fil-11 ta' Jannar 2002. L-attur ma jistax jippretendi li minn meta ghaddew is-sentejn imsemmija tad-decizjoni tal-Bord u cioe` mit-12 ta' Novembru 2000, sakemm inqalghet il-htiega ghal dan il-post ghandu jkun ikkumpensat ukoll. Il-pregudizzju li sofra sehh, meta l-ewwel darba

inqalghet il-htiega ghall-mili ta' dan il-post u huwa kien skorrettament eskluz milli japplika biex jimlih.

**38.** Ghalhekk il-perjodu li ser jittiehed in konsiderazzjoni huwa dak bejn il-11 ta' Jannar 2002 u l-14 ta' Marzu 2007. Lanqas ma jista jinghad, li li kieku thalla japplika ghas-sejha tal-2002 bil-fors kien ser jintghazel fuq merti u kwalifiki oggettivi ghalkemm il-probabbiltajiet li seta' jintghazel kienu jezistu. Dan li qieghed jinghad anke ghat-tieni darba li kien hemm sejha biex jimtela dan il-post fl-2005. Ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman u l-fatt li hu diga` kellu esperjenza kienu kollha fatturi li setghu jghinuh, izda xejn ma hu assolut. Ghalhekk il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha, fil-fissazzjoni u likwidazzjoni tal-ammonti li talvolta huma dovuti ai fini tat-tielet u r-raba' talba tar-rikors promotur.

**39.** Ghalhekk il-Qorti ser tillikwida l-ammont dovut mill-Korporazzjoni konvenuta lill-attur kif ser jinghad:-

**40.** Fl-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru 2007 (a` fol 30), l-ammont li kien qieghed jitlob l-attur kien dak ta' Lm14,714. Dan qatt ma kien ikkontestat mill-Korporazzjoni konvenuta. Il-Korporazzjoni konvenuta, qatt ma wiegbet li jekk jirrizulta li l-pretensjonijiet tal-attur huma minnhom, dan l-ammont mhux dovut jew jekk qatt, mhux dovut dak l-ammont. Jidher li l-ammonti imsemmi fl-imsemmija ittra ufficjali kienu kkalkolati fuq circa sitta punt hamsa u ghoxrin (6.25) snin, u cioe` mit-12 ta' Novembru 2000 sal-

14 ta' Marzu 2007, biex b'hekk l-attur kien qieghed jitlob circa Lm2354 ghal kull sena.

**41.** Kif spjegat aktar 'l fuq, sentejn minnhom mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni. Ghalhekk mill-kalkoli li ghamlet din il-Qorti, l-ammont ta' Lm2354 ser ikun immultiplikat ghal 5.2 snin u cioe` mill-11 ta' Jannar 2002 sal-14 ta' Marzu 2007, biex b'hekk l-ammont totali huwa ta' Lm12,242.04.

**42.** Izda kif spjegat aktar 'l fuq, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatturi tan-nuqqas ta' certezza assoluta, li *ceteris paribus*, l-attur mhux bil-fors kien jintghazel fuq kriterji oggettivi ghalkemm il-probabbilitajiet kienu favurih. Ghalhekk dan ser ikun rifless fi tnaqqis ta' erbghin fil-mija (40%) tas-snin li qed jittiehdu in konsiderazzjoni. Dan ifisser li skont dawn il-kalkoli, li liri antiki dovuti lill-attur mill-Korporazzjoni konvenuta ghandhom ikunu Lm7345.20, ekwivalenti ghal €17,114.36. Fuq dan l-ammont, ghandu jiddekorri imghax legal ta' 8% b'effett mill-31 ta' Ottubru 2007 u cioe` mid-data tal-ittra ufficjali tal-attur (a` fol 30) sal pagament effettiv.

**<u>Decide</u>**

**43.** Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qeghdha tiddeciedi u taqta' l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-Korporazzjoni konvenuta;

**Tilqa'** l-ewwel talba rikorrrenti, fis-sens li l-Korporazzjoni konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali taghha di fronte tal-attur, pero` tali nuqqas sehh b'effett mill-11 ta' Jannar 2002;

**Tilqa'** t-tieni talba, b'dana li din qed tintlaqa' ghall-perjodu bejn il-11 ta' Jannar 2002 sal-14 ta' Marzu 2007 fid-dawl tac-cirkostanzi kif spjegati aktar 'l fuq f'din is-sentenza;

**Tilqa'** t-tielet talba, billi fid-dawl tal-komputazzjoni fuq maghmula, tillikwida l-ammont dovut mill-Korporazzjoni konvenuta lill-attur ghall-perjodu mill-11 ta' Jannar 2002 sal-14 ta' Marzu 2007, fis-somma ta' sbatax-il elf, mija u erbatax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€17,114.36);

**Tilqa'** r-raba' talba u tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' sbatax-il elf, mija u erbatax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€17,114.36) bl-imghaxijiet legali ta' 8% mill-31 ta' Mejju 2007 sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza, kwantu ghall-tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) ghandhom ikunu sopportati mill-Korporazzjoni konvenuta u kwantu ghar-rimanenti kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attur.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**